



6.2.2013

B7-0054/2013 }  
B7-0063/2013 }  
B7-0064/2013 }  
B7-0065/2013 }  
B7-0067/2013 }  
B7-0077/2013 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

Verts/ALE (B7-0054/2013)

S&D (B7-0063/2013)

PPE (B7-0064/2013)

ALDE (B7-0065/2013)

ECR (B7-0067/2013)

GUE/NGL (B7-0077/2013)

dwar il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone  
(2013/2535(RSP))

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Laima Liucija Andrikiėnė,  
Elmar Brok, Cristian Dan Preda, Bernd Posselt, Roberta Angelilli,  
Mario Mauro, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Zuzana Roithov,  
Monica Luisa Macovei, Sari Essayah, Giovanni La Via, Philippe Boulland,  
Jean Roatta, Tunne Kelam, Elena Bescu, Petri Sarvamaa, Eduard Kukan,  
Mariya Gabriel, Anna Zaborsk, Bogusław Sonik**  
f'isem il-Grupp PPE  
**Veronique De Keyser, Robert Goebbels, Marc Tarabella, Mitro Repo,**

RC\926558MT.doc

PE503.574v01-00 }  
PE503.584v01-00 }  
PE503.585v01-00 }  
PE503.586v01-00 }  
PE503.588v01-00 }  
PE503.598v01-00 } RC1

**Joanna Senyszyn, Liisa Jaakonsaari**

fišem il-Grupp S&D

**Marietje Schaake, Leonidas Donskis, Louis Michel, Niccolò Rinaldi,**

**Alexander Graf Lambsdorff, Marielle de Sarnez, Sarah Ludford,**

**Ramon Tremosa i Balcells, Robert Rochefort, Johannes Cornelis van Baalen,**

**Kristiina Ojuland, Sonia Alfano, Graham Watson, Hannu Takkula,**

**Izaskun Bilbao Barandica**

fišem il-Grupp ALDE

**Barbara Lochbihler, Rui Tavares, Raül Romeva i Rueda**

fišem il-Grupp Verts/ALE

**Charles Tannock, Adam Bielan, Valdemar Tomaševski**

fišem il-Grupp ECR

**Marie-Christine Vergiat, Jürgen Klute, Paul Murphy, Søren Bo**

**Søndergaard, Helmut Scholz, Nikolaos Chountis**

fišem il-Grupp GUE/NGL

**Fiorello Provera**

RC\926558MT.doc

PE503.574v01-00 }

PE503.584v01-00 }

PE503.585v01-00 }

PE503.586v01-00 }

PE503.588v01-00 }

PE503.598v01-00 } RC1

## **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Laos: il-każ ta' Sombath Somphone (2013/2535(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Laos,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 mill-kelliem tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Laos,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone fil-Laos,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Jannar 2013 mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, Hillary Clinton, dwar l-għajbien tal-mexxej tas-soċjetà ċivili tal-Laos Sombath Somphone,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2012 mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Laos u dik tal-4 ta' Jannar 2013 mill-Ambaxxatur tal-Laos għan-NU,
- wara li kkunsidra l-ittri mingħand bosta Membri tal-Parlament Ewropew u minn membri parlamentari nazzjonali u l-Ittra Miftuħa Konġunta tas-17 ta' Jannar 2013 minn 65 NGO lill-Prim Ministru tal-Laos, dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' Jannar 2013 mill-Forum Asjatiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Iżvilupp lill-President tal-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE tal-2008 dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha kontra l-Għajbien Sfurzat (ICCPED), li l-Laos huwa firmatarju tagħha, u d-Dikjarazzjoni tan-NU tat-18 ta' Diċembru 1992 dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966, irratifikat mil-Laos fl-2009,
- wara li kkunsidra l-Eżami Perjodiku Universali tal-UNHRC li jikkonċerna l-Laos fil-21 ta' Settembru 2010,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos tal-1 ta' Diċembru 1997,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

RC\926558MT.doc

PE503.574v01-00 }  
PE503.584v01-00 }  
PE503.585v01-00 }  
PE503.586v01-00 }  
PE503.588v01-00 }  
PE503.598v01-00 } RC1

- A. billi Sombath Somphone, figura prominenti fl-iżvilupp soċjali u l-edukazzjoni taż-żgħażaġh, għeb fil-15 ta' Diċembru 2012 fil-kapitali ta' Laos, Vientiane; billi l-filmat fuq is-CCTV miksub mill-familja tiegħu juri li Sombath Somphone deher għall-aħħar darba mal-pulizija lokali fl-għassa tal-pulizija ta' Thadeau għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, fid-data tal-għajbien tiegħu, u ttieħed band' oħra b'karozza minn irġiel lebsin ħwejjeġ pajżana;
- B. billi f' dikjarazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2012, il-Gvern tal-Laos ikkonferma l-inċident kif irreġistrat bil-kamera tas-sigurtà; billi l-awtoritajiet jisħqu li huwa kien vittma ta' ħtif motivat minn kunflitti personali jew kummerċjali;
- C. billi n-NU u 65 organizzazzjoni internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem esprimew il-biżgħat tagħhom li Sombath Somphone seta' kien soġġett għal għajbien sfurzat, possibbilment relatat ma' xogħlu, kif ukoll it-tħassib serju tagħhom dwar is-sikurezza tiegħu u n-nuqqas ta' progress u informazzjoni fl-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Laos dwar il-fatti tal-għajbien tiegħu;
- D. billi l-familja ta' Sombath Somphone ma kinitx kapaċi ssib fejn jinsab minn dak inhar, minkejja l-appelli ripetuti lill-awtoritajiet lokali u tiftix fiż-żona tal-madwar;
- E. billi Sombath Somphone huwa apprezzat b'mod wiesa' u huwa magħruf sewwa minħabba x-xogħol estensiv li wettaq fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u ġust, speċjalment permezz tat-twaqqif tal-PADETC, iċ-Ċentru ta' Taħriġ għall-Iżvilupp Parteċipattiv, fl-1996; billi fl-2005 ngħata l-Premju Ramon Magsaysay għat-Tmexxija tal-Komunità;
- F. billi f'Ottubru tal-2012 Sombath Somphone, bħala membru tal-Kumitat Nazzjonali Organizzattiv tal-Laos, kien wieħed minn dawk li organizzaw id-9 Forum tal-Popli Asja-Ewropa li sar fi Vientiane qabel l-ASEM 9, u kien ukoll wieħed mill-kelliema ewlenin;
- G. billi grupp ta' parlamentari tal-ASEAN għamli żjara fil-Laos fil-ġimgħa tal-14 sat-18 ta' Jannar 2013 biex jinvestigaw dwar Sombath Somphone;
- H. billi jeżisti ksur ta' libertajiet fundamentali, partikolarment tal-libertà tal-istampa u l-midja, il-libertà tar-reliġjon, il-libertà ta' għaqda, il-libertà akkademika u d-drittijiet tal-minoranzi, li qed iseħħ fil-Laos;
1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għajbien, is-sikurezza u l-benessri ta' Sombath Somphone;
  2. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien u n-nuqqas ta' trasparenza tal-investigazzjonijiet dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone; jistieden lill-awtoritajiet tal-Laos biex iwettqu investigazzjonijiet fil-pront, trasparenti u bir-reqqa, skont l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex jiżguraw ir-ritorn immedjat u sigur ta' Sombath Somphone għand il-familja tiegħu;
  3. Jistieden lill-VP/RGħ biex tissorvelja mill-qrib l-investigazzjonijiet tal-Gvern tal-Laos dwar l-għajbien ta' Sombath Somphone;

4. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Laos biex jerġgħu jaffermaw pubblikament il-legalità u l-leġittimità tax-xogħol li qed isir favur l-iżvilupp sostenibbli u l-ġustizzja soċjali, sabiex tiġi miġġielda l-intimidazzjoni provokata mill-ġħajbien, bħal dak ta' Sombath Somphone;
5. Jilqa' ż-żjara tal-grupp ta' parlamentari tal-ASEAN ġewwa l-Laos f' Jannar tal-2013 biex jiġbor informazzjoni dwar Sombath Somphone, u jistieden lill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN twaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-ġrajjet relatati mal-ġħajbien sfurzat ta' Sombath Somphone;
6. Jistieden lill-UE tinkludi lil-Laos fil-prijoritajiet għat-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;
7. Jisħaq li l-awtoritajiet tal-Laos għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex itemmu l-prattika ta' arresti arbitrari u tad-detenzjoni sigrieta; jistedinhom jagħmlu l-ġħajbien sfurzat reat kriminali u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Ġħajbien Sfurzat; jisħaq li l-ġħajbien sfurzat huwa ksur ċar tad-drittijiet bażiċi u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem;
8. Jistieden lill-Gvern tal-Laos jirrispetta d-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi, u biex iħares id-dritt għal-libertà tar-reliġjon jew twemmin, filwaqt li jtemm ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kif rakkomandat fl-Eżami Perjodiku Universali tan-NU tal-21 ta' Settembru 2010;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarjat tal-ASEAN, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u lill-Gvern u l-Parlament tal-Laos.